**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 2020.**

**Rik Gur : 93/2019 AGV**

**AB bhala prokuratur f' isem CB**
**Vs**
**DBE**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB nomine** datat 31 ta' Lulju 2019 fejn espona bir-rispett ;

1. Li dan huwa rikors maghmul taht Kap. 55 tal-Kodici Civili biex ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qoti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet.
2. Il-partijiet ma ghandhomx ulied ,jghixu de facto mifruda minn xulxin u huma finanzjarjament u f' kull haga ohra indipendenti minn xulxin , billi t-tnejn li huma ghandhom income ghal rashom;
3. Il- waqfien ta-komunjoni ma huwa sejjer igib ebda pregudizzju mhux propjorzonjat lil ebda parti, u anzi ikun fl-interess taz-zewg partijiet billi

kull parti terga' tikseb id-dritt illi taghmel l-atti kollha tal-hajja civili u kummercjali minghajr il-htiega tal-kunsens, approvazzjoni jew l-intervent tal-parti l-ohra, jew tal-Qorti kompetenti, u hekk is-sitwazzjoni legali tigi tirrispekkja s-sitwazzjoni fattwali tal-partijiet;

4. Ghal dar-ragunijie l-iskop li tinzamm fis-sehh il-komunjoni tal-akkwisti, bejn il-partijiet ,illum spicca ghal kollox.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment qed jitlob lil din Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-artikolu 55 tal-Kodici Civili;

a. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;
b. Tiddikjara illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tkun tghodd minn dakinhar li s-sentenza tkun finali u konkluziva;
c. Tordna li s-sentenza bl-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tigi notifkata lid-direttur tar-Registru Pubbliku ghall-ghanijiet u effetti tal-artikolu 55 (5) tal-kodici Civili.

Bl-ispejjez.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' DBE** ghar-rikors tal- 31 ta' Lulju 2019, rigward il-waqfein tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tesponi bir-rispett illi;

1. Il-partijiet ghadhom jghixu taht l-istess saqaf go l-Ingiletrra, izda jghixu hajja kompletament separata minn xulxin u huma finanzjarjament f' kull haga indipendenti minn xulxin;
2. L-esponenti taqbel illi ghandu jkun hemm il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti ma ssib ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti hekk kif maghmula fir-rikors tieghu tal- 31 ta'

Lulju 2019, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dil-Onorabbli Qorti, jidhrilha xieraq u opportuni.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tilqa' it-tinei talba.
3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, b'dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza.

L-ispejjez ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**